MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 16/2010

**Vassallo Builders Limited**

**vs**

**Rosello Developments Ltd**

**Il-Qorti,**

Is-socjeta` Vassallo Builders Limited appellat lil din il-Qorti biex tikkwerela c-cahda da parti ta' l-Arbitru tat-talbiet taghha maghmula fit-termini ta' l-Artikoli 48 u 49 tal-Kapitolu 387, *ex-post facto* l-lodo tieghu lilha notifikat fit-12 ta' Jannar, 2010. Hi tillanja li hassitha aggravata bl-ordinanza ta' l-Arbitru lilha notifikata fil-25 ta' Marzu 2010 u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(1) Ghar-rigward tal-VAT ir-rata applikabbli giet mizjuda ghall-18% fiz-zmien li gie ppublikat u notifikat lilha l-lodo arbitrali;

(2) Una volta d-debitu kien ta’ natura kummercjali, kien dispost skond l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili, illi d-dekorriment ta’ l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali bilancjali kellu jibda jghaddi *ipso jure* minn dakinhar li l-obbligazzjoni giet ezegwita;

Biex tikkontrasta dan l-appell is-socjeta` intimata Rosello Developments Limited wiegbet fit-termini infraskritti:-

1. In linea preliminari, l-appell huwa inammissibbli ghar-raguni illi skond l-Artikolu 71 (B) (1) tal-Kapitolu 387 ir-rikors ta’ l-appell seta’ jsir biss minn decizjoni finali, ossija f’dan il-kaz, dik moghtija fil-5 ta’ Jannar, 2010, u mhux ukoll mill-ordinanza tac-cahda tat-talbiet emendatorji ppubblikata fil-25 ta’ Marzu, 2010;

2. In linea generali, it-talbiet tas-socjeta` appellanti ghall-emendi tal-lodo ma kienux jinkwadraw ruhhom fil-parametri ta’ l-Artikoli 48 u 49 tal-Kapitolu 387;

3. Fl-ispecifiku, kwantu ghall-kwestjoni tar-rata tal-VAT, una volta li s-servizzi gew prestati u ezegwiti qabel l-1 ta’ Jannar 2004, l-istess ma kienux jattiraw ir-rata taxxabbli ta’ 18%. Is-socjeta` appellata targuwixxi dan mid-dispost ta’ l-Artikolu 86 (2) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406);

4. Fil-partikolari wkoll, in kwantu ghall-pretiza ghall-imghaxijiet, din hi eskluza in kwantu l-ewwelnett ma saret ebda talba dwarhom mis-socjeta` appellanti fl-arbitragg u, f’kull kaz, japplika dejjem il-principju “*in illiquidis non fit mora*”. Dejjem skond l-istess socjeta` appellata l-ghoti ta’ l-imghaxijiet hi, ex-Artikoli 63 u 64 tal-Kapitolu 387, fakoltativa ghall-Arbitru;

Huwa certament u processwalment fl-ordni logiku illi din il-Qorti ghandha qabel kollox tinvesti l-pregudizzjali ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell sollevata mis-socjeta` appellata. Permezz taghha qed jigi kontez lis-socjeta` appellanti illi, strettament, din ma setghetx tinterponi

appell kontra l-ordinanza ta' l-Arbitru li cahdilha t-talba ghar-revizjoni tal-lodo ghaliex, ghalkemm l-Artikoli 48 u 49 jahsbu ghall-procedura ta' revizjoni, fl-istess waqt il-ligi specjali ma tipprovdix ghall-appell minn dik l-ordinanza izda biss u unikament mid-decizjoni finali;

Hi disposizzjoni esplicita ta' l-Att dwar l-Arbitragg, ex-Artikolu 71A (3) illi "kull talba maghmula skond l-Artikoli 47, 48 u 49 ghandu jkollha l-effett li tinterrompi l-limiti ta' zmien ghall-proceduri kontra decizjoni specifikata fl-Artikolu 70 (4) jew l-Artikolu 70B (2). Il-perijodu ghall-proceduri stabbilit fl-artikolu msemmi ghandu jibda jsehh mid-data li fiha kull ordni maghmula skond l-Artikoli 47, 48 u 49 imsemmija jigi komunikat lill-parti". Korrettement intiz, dan id-dispost ghandu ragonevolment ifisser illi l-istanza ghall-korrezzjoni tal-lodo (Artikolu 48) jew dik mahsuba ghal decizjoni ta' punt li tkun thalla barra mil-lodo (Artikolu 49), tissospendi t-terminu ta' hmistax-il gurnata ghall-impunjattiva tal-lodo (Artikolu 70) jew ghall-appell minnu (Artikolu 70A), f'liema eventwalita dak it-terminu jibda jghaddi mid-data tan-notifikazzjoni ta' l-ordni dwar dawk l-istanzi. Jibqa' dejjem prevalenti illi, processwalment, l-impunjattiva jew l-appell, skond il-kaz, irid ikollhom kollegament kawzali mad-decizjoni finali u mhux ukoll, u limitatament, ghall-ordni li tkun cahdet jew laqghet it-talba ghar-revizjoni skond l-Artikoli 48 jew 49;

Premessa din l-interpretazzjoni, qari superficjali tal-kontenut ta' l-appell *de quo* donnu jimplika illi s-socjeta` appellanti ma kienetx, kif kellu jkun, qeghda tressaq obbjezzjonijiet kontra d-decizjoni finali lilha notifikata fit-12 ta' Jannar, 2010 izda di fronte ghall-ordni ta' l-Arbitru lilha notifikat fil-25 ta' Marzu, 2010. Proprju, b'introduzzjoni ghall-aggravji taghha, hi tissottometti li hassitha avversament milquta b'dik l-ordni u appellat minn din u mhux fil-kontestazzjoni tad-decizjoni finali. Ikollu jinghad illi appell koncepit f'dan is-sens ma huwiex wiehed regolari in kwantu mhux konformi ghal dak li tghid u trid il-ligi;

Ankorke, pero`, wiehed kellu bi sforz qawwi jirrileva indikaturi li jakkordaw lis-socjeta` appellanti l-impronta ta' dik il-legittimita` ghall-ammissjoni ta' l-appell taghha, xorta wahda, imbaghad, din il-Qorti ma ssibx illi l-lanjanzi taghha huma guridikament tenibbli jew possibbli li jigu ezawditi;

Similment ghall-Artikolu 825 (2) tal-Kodici ritwali, il-korrezzjoni tal-lodo hi a norma ta' l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 387 konsentita fejn jirrizultaw zbalji materjali jew ta' kalkolu, u mhux ukoll biex xi parti fl-arbitragg tottjeni modifikazzjoni tad-decizjoni arbitrali suxxettibbli li tbiddel id-decide. Hekk jinghad ad ezempju fil-kaz ta' procedimenti ordinarji fit-terminu ta' l-Artikolu 825(2) tal-Kapitolu 12 illi "din il-korrezzjoni ta' l-izball ta' kalkolu u ta' l-izball materjali u involontarju evidenti tal-pinna jew tad-dicitura f'sentenza, ammessa bhala principju, ma ghandhiex titrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jigi mbiddel il-provvediment li jkun gie moghti mill-istess sentenza; l-ghaliex ghall-fatt li jkun gie, tajjeb jew hazin, ritenut fis-sentenza hemm ir-rimedju ordinarju ta' l-appell, u fil-kazi premessi mil-ligi r-rimedju tar-ritrattazzjoni". Ara "**Salvino Schembri *et* -vs- Joseph Grixti *et***", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1959;

Linejarment ghal dan l-istess hsieb gie profess mit-**Tribunal ta' Modena** b'sentenza tat-22 ta' Gunju, 2000 (G. mer. 01. I. 650) f'materja ta' lodo arbitrali, ex-Artikolu 826 tal-Kodici ta' Procedura Taljana (korrispondenti ghall-Artikolu 48 tal-Kapitolu 387) illi "*non puo`, pertanto, essere utilizzata la procedura di correzione di errore materiale nel caso in cui una parte richieda l'inserzione della condanna al pagamento degli interessi legali su di una somma capitale riconosciuta dalla decisione dato che il provvedimento di correzione di errore materiale ha carattere meramente ordinatorio, non esprima una statuizione diversa da quella corretta e non ha, rispetto ad essa, alcuna autonoma rilevanza, ripetendo invece da essa medesima la sua validita`*";

Inkwadrata kif ghandu jkun, u kif wisq tajjeb sottomess mis-socjeta` appellata, it-talba ghar-revizjoni tar-rata tal-VAT la hi kwestjoni ta’ zball materjali u lanqas wahda ta’ komputazzjoni izda, se mai, wahda ta’ interpretazzjoni tal-ligi fiskali dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-applikabilita` tar-rata ta’ taxxa l-wahda minflok ohra. Terga’ fil-kaz in disamina l-pretensjoni tas-socjeta` appellanti ghall-kalkolu tal-VAT bir-rata ta’ 18% lanqas ma hi legittima. Issa huwa minnu dak li jinghad mis-socjeta` appellanti illi skond Taqsima III ta’ l-Erbatax-il Skeda l-Kummissarju jista’ jordna, fil-kaz ta’ kuntratturi ta’ inginerija civili, mekkanika u elettrika, “illi z-zmien ta’ provvisti maghmul minn jew lil persuna taxxabbli ghandu jkun iz-zmien meta jsir jew jigi ricevut hlas, skond il-kaz, ghal dawk il-provvisti, sal-limitu ta’ kull hlas bhal dak ...”. Dan in referenza ghall-Artikolu 57 (1) li kif jinghad fil-linja marginali gie sostitwit b’Att X tas-sena 2003. Jibqa’ l-fatt, fil-fehma ta’ din il-Qorti, illi dak iz-zmien ta’ taxxa kif minn dik it-Taqsima prefiss, ma jistax jinnewtralizza l-applikabilita tad-disposizzjoni transitorja a norma ta’ l-Artikolu 86 in kwantu ghar-rata ta’ taxxa ta’ 15% fuq provvista li tkun giet ezegwita qabel l-ewwel ta’ Jannar, 2004, kif inhu proprju l-kaz hawnhekk. L-uzu ta’ l-interpretazzjoni teleologika ta’ dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi ghandu certament jissuggerixxi illi dan ghandu jkun l-iskop ragonevolment persegwit fuq l-istregwa tal-valuri espressi minn normi partikolari fil-mument storiku ta’ l-introduzzjoni taghhom. Incidentalment ukoll l-Artikolu 86 gie emendat bl-istess Att X ta’ l-2003 u sostitwit bl-Att II tas-sena 2004;

Ugwalment bhal fil-kaz ta’ l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12, l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 387 jipprovdi ghall-qaghda fejn xi talba maghmula waqt il-procediment arbitrali tkun thalliet barra mid-decizjoni. Li jfisser, illi l-ommessa pronuncja tirrikorri fejn il-lodo ma jkunx iddecieda fuq xi haga li kienet oggett tat-talba kompromissorja jew l-Arbitru iddecieda fuq uhud biss mill-kweziti posti lilu u ommetta ohrajn;

Dejjem skond il-gurisprudenza prevalenti fil-kazijiet ordinarji jinghad li "wiehed mir-rekwiziti tar-rimedju '*ab omessa decisione'* huwa illi d-domanda mhux maqtugha kienet wahda mid-domandi migjuba fic-citazzjoni". Ara "**Carmela Vella -vs- Salvatore Vella**", Appell Civili, 17 ta' Novembru, 1941. Jinsab aggunt illi "mhux bizzejjed li l-gudikant ma jkunx irraguna fuq xi wiehed mill-motivi allegati in sostenn tad-domanda biex jaghti lok ghal dak ir-rimedju". Ara "**Salvatore Micallef -vs- Filippu *sive* Pinu Borg**", Appell Civili, 23 ta' Mejju, 1947;

Is-socjeta` appellanti tinkwadra l-pretiza taghha ghall-imghaxijiet fil-parametri ta' l-Artikolu 49 ta' l-Att ghaliex, skond kif minnha sottomess, la darba d-dejn dovut lilha hu naxxenti minn obbligazzjoni kummercjali d-dekors taghhom hu *ipso jure* u, allura, is-socjeta` appellata kellha tkun ikkundannata thallashom;

L-ewwel haga li trid tigi notata hi din. Il-kwestjoni hawnhekk ma hijiex dik minn meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet, izda jekk il-kumpanija appellanti ressqitx talba ghalihom fil-gudizzju arbitrali. Evidentement, *ex-facie* l-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru, l-imghaxijiet ma kienux oggett ta' gudizzju arbitrali ghax ma ntalbux mis-socjeta` appellanti. Opportunement, ghandu jigi mfakkar dan li gej:-

1. L-Arbitru ghandu dejjem jiddeciedi l-kontroversja skond it-termini espressi lilu konferiti;

2. Dan huwa hekk ghaliex il-gudizzju arbitrali irid jigi deciz skond il-volonta tal-partijiet kif espressa fl-attijiet ta' l-arbitragg u bit-thaddim tar-regoli dettati mill-Att dwar l-Arbitragg. Jekk ma jsirx hekk, jezisti r-riskju li jigi deciz xi haga li tkun *ultra compromissum*, u tali ma huwiex lecitu;

3. Wiehed ma ghandux jitlef *di vista* illi l-ommessa decizjoni tipresupponi li kien hemm domanda

espressa li fuqha ma nghata ebda gudizzju ghax thalliet barra;

4. Fundamentalment, il-kanoni ta’ dritt, konkretament vjolat, u l-*ommissa decisione* mhix l-istess haga. F’ta’ l-ahhar ghandek talba li ma gietx deciza. F’ta’ l-ewwel dik l-istess talba giet deciza b’applikazzjoni zbaljata tad-disposizzjoni tal-ligi;

Jikkonsegwi minn dan premess illi l-gudizzju arbitrali mhux censurabbli f’dan il-kaz ghall-fatt li l-Arbitru ma addevjeniex ghall-imposizzjoni ta’ l-imghaxijiet fuq l-ammont likwidat minnu ghaliex hu talba ghal dawk l-imghaxijiet ma kellux quddiemu, ankorke intalab minnu “*the exact value of the works carried out and to obtain payment from the Respondent of the balance due*”;

Issa huwa minnu illi avolja ma kellux domanda specifika ghall-imghaxijiet, l-Arbitru seta’ dejjem, ex-Artikolu 63 ta’ l-Att “jinkludi fl-ammont moghti fid-decizjoni dak l-imghax b’dik ir-rata ragonevoli li t-tribunal jista’ jistabilixxi fuq l-ammont shih ta’ flus jew parti minnu, u ghaz-zmien kollu jew parti minn bejn id-data meta tkun inbdiet it-tilwima, u d-data meta tinghata d-decizjoni”. Din sija fuq talba ghall-ammont likwidat jew mhux likwidat. Tali decizjoni kienet pero` wahda fakoltativa, u mhux obbligatorja ghall-Arbitru. Fil-kaz prezenti l-Arbitru ma ezercitax din il-fakolta bhal ma hekk, invece, kien il-kaz in re: “**Mekkanika Limited -vs- Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti**” deciz minn din il-Qorti fis-6 ta’ Frar, 2008, u fejn fiha nghad proprju illi meta l-Arbitru pprovda ghall-imghax, meta mhux mitlub, b’daqshekk huwa ma esorbitax mil-limiti tieghu in bazi ghall-interpretazzjoni li tinzel mill-Artikoli 63 u 64 ta’ l-Att. Wisq logikament din il-qaghda ma tikkonfigurax bhala wahda ta’ *ommissa decisione* ghax, jekk hemm bzonn jigi ripetut, l-imghaxijiet ma ntalbux *nominatim*. Fl-istess waqt lanqas taspira ruhha ghal xi vjolazzjoni tal-principju ta’ dritt f’materja ta’ interessi ghaliex l-Arbitru baqa’ ma ghamel ebda gudizzju dwarhom, la ma ezercitax il-fakolta diskrezzjonali lilu koncessa bil-predett Artikolu 63. Isegwi

b'konkluzjoni minn dan kollu dedott illi l-Artikolu 49 ma seta' jkollu ebda applikabilita ghall-kwestjoni *de quo agitur* ta' l-imghaxijiet;

Thares minn fejn thares lejha, sew proceduralment, sew sostanzjalment, l-appell devolut ma jistax jitqies meritevoli ta' akkoljiment.

Ghall-konsiderazzjonijiet kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------